MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 319/2004

**Avviz Nru. 319/04 GG**

**Masco Security Services Ltd**

**vs**

**D Ltd**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u sitta u erbghin Liri Maltin u hames u erbghin centezmu (Lm2246.45c), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' apparat u materjal mibjugh u ikkunsinjat lilkom mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu taghkom kif ukoll ta' xoghol maghmul mill-istess socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu taghkom.

Bl-imghaxijiet skond il-Ligi mid-data ta' kull fattura u cioe' mit-23 ta' Lulju, 2002 fuq invoice 012772 ghall-ammont ta'

Lm1279.98, mis-6 ta’ Mejju, 2002 fuq invoice 012522 ghall-ammont ta’ Lm130, mit-18 ta’ Awissu, 2003 fuq invoice 014553 ghall-ammont ta’ Lm12.00 u fuq invoice 014554 ghall-ammont ta’ Lm455.00 u mis-26 ta’ Settembru, 2003 fuq invoice 014686 ghall-ammont ta’ Lm389.47, sad-data tal-hlas u bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Mejju, 2003 u tal-mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment kontra s-socjeta konvenuta.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil Masco Security Services Limited s-somma mitluba ta’ ta’ elfejn mitejn u sitta u erbghin Liri Maltin u hames u erbghin centezmu (Lm2246.45c), dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta’ attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------